MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Numru. 1266/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR DARYL BORG**

**VS**

**JESSICA CARABOTT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Jessica Carabott, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 250996 (M).

**Akkuzata talli:**

Nhar it-28 ta` Ottubru, 2012, ghal habta tas-siegha u kwart ta` filghodu (01:15hrs) gewwa San Giljan:

1. Ghamlet xi dikjarazzjoni falza, jew tghat xi taghrif falz, jew ipproduciet xi dokument falz, ghal xi wiehed mill-ghanijiet msemmija fil-Kapitolu 258, meta kienet taf illi dan huwa falz, u dan bi ksur ta` artikolu 18 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 14 (2) (b) tal-Kapitolu 258;

2. U aktar talli iffalsifikat karta ta` l-identita` jew xi dokumenti ohra li jkunu mehtiega minn, jew mahsub ghal, xi wiehed mill-ghanijiet imsemmija fil-Kapitolu 258 u dan bi ksur ta` l-Artikolu 14 (2) (c) tal-Kapitolu 258;

3. U kif ukoll talli iffalsifikat sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw fl-isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti, sew jekk ta` proprjeta` pubblika jew privata, jew li jkunu qedghin taht il-garanzija pubblika u dan bi ksur ta` artikolu 172 (1) tal-Kapitolu 9;

4. Ingurjat, jew heddet, jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta` persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzahom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imsemmija Jessica Carabott;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` Artikolu 18, 172 (1), 95, 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 14 (2) (b) (c) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fuq ammissjoni, dina l-Qorti qed issib lill-imputata hatja ghall-akkuzi dedotti kontra taghha u ghaldaqstant tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti tordna l-konfiska tal-Karta tal-Identita` falsifikata mill-imputata.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------